## 16 ta' Frar, 1996

## Imħallfin:-

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. Hist.S.**

Carmelo Bugeja

*versus*

Mary xebba Farrugia

## L-Istitut tal-Kontumaċja

*Diversi kienu d-deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati in materja ta' kontumaċja u l-ġustifikazzjoni o meno tagħha. Peress li kull każ ħafna drabi jipprospetta fattispeċje differenti, d-deċiżjonijiet mhumiex għal kollox uniformi, fis-sens li hemm xi wħud minnhom li adottaw linja riġida mentri oħrajn kienu iżjed flessibbli u liberali.*

*Din il-Qorti jidhrilha li meta l-liġi stess ipprefiġġiet terminu preċiż u relattivament twil - għoxrin jum - m'għandhiex tammetti li, jekk mhux għal xi raġuni gravi jew eċċezzjonali, testendi dan il-perijodu jew tinnewtralizzah bl-ammissjoni ta' eċċezzjonijiet - wara l-għeluq tiegħu.*

*Huwa minnu li l-liġi stess tagħti tali diskrezzjoni lill-Qorti imma huwa appuntu għal din ir-raġuni li l-ġudikant għandu jeżerċita' tali diskrezzjoni b'mod xieraq u meqjus.*

*Fil-każ preżenti l-aġir ta' l-appellant kien kolpuż u jekk il-Qorti kellha tammetti tali aġir għall-fini ta' ġustifikazzjoni ta' stat ta' kontumaċja, allura ftit jibqa' jagħmel sens dak li jesiġi l-Kodiċi tal-Proċedura.*

*Huwa prinċipju assodat minn sensiela ta' deċiżjonijiet li l-kontumaċja ma tistax titqies ġustifikata meta din hija kolpuża. Dejjem kien ritenut li m'għandux ikun hemm negliġenza jew ħtija tal-parti, għax allura minflok il-prova tal-kawża ġusta jkun hemm il-culpa u f'dak il-każ il-persuna ma tkunx tista' tilmenta minn xejn għax* qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire.

*L-appellanti aġixxiet negliġentement u trid tissubixxi l-konsegwenzi ta' l-aġir tagħha.*

Il-Qorti:-

B'ċitazzjoni pprezentata fis-16 ta' Novembru, 1992 fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, premessi d-dikarazjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, wara li ġie premess illi:

*Omissis;*

L-esponenti konvenuta ġiet mitluba tgħid għaliex dik il-Qorti m'għandhiex:

Tiddikjara u tiddeċidi illi l-konvenuta feħet aċċess dirett mill-fond tagħha "Awrikarja" għal fuq Triq Pawlu Balzan li sal-lum għadha art privata ta' l-attur u li kwindi dan l-istat ta' fatt, użu u

tgawdija jintitolah għall-kumpens;

Tillikwida, *occorrendo* bl-operat ta' periti *nominandi*, l-kumpens xieraq dovut lill-attur mill-esponenti konvenuta għall-użu ta' parti mill-art privata ta' l-attur u;

Tikkundanna lill-esponenti konvenuta tħallas lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta' kumpens kif fuq ingħad u għar-raġunijiet suesposti;

Bl-interessi u bl-ispejjeż;

*Omissis*;

Illi l-konvenuta appellanti ġiet notifikata bl-istess att taċ-ċitazzjoni u atti akkompanjanti fil-21 ta' Novembru, 1992 iżda ma ppreżentatx nota ta' eċċezzjonijiet tagħha fiż-żmien preskritt mill-artikolu 158 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Illi b'rikors ippreżentat fl-20 ta' Jannar, 1993 wara li l-konvenuta ppremettiet li din il-kontumaċja hija ġustifikata għaliex fiż-żmien tal-fuq imsemmija ġurnata ommha li kienet dipendenti fuqha, kienet rikoverata l-isptar San Luqa għal operazzjoni serja (Dokumenti "A" u "B" esebiti ma' l-imsemmi rikors) u għaliex kienet issofri minn depressjoni (Dokument "C" ukoll esebit ma' l-istess rikors), talbet lil dik il-Qorti tiffissa żmien li fih l-esponenti konvenuta għandha tippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet tagħha;

Illi, wara li l-Ewwel Qorti semgħet ix-xhieda fuq din it-talba, b'sentenza mogħtija fit-13 ta' Ottubru, 1993, dik l-istess Qorti ddeċidiet illi l-esponenti konvenuta ma ġġustifikatx il-kontumaċja

tagħha u konsegwentement ċaħdet it-talba tagħha magħmula fil-fuq imsemmi rikors tagħha ta' l-20 ta' Jannar, 1993;

Illi l-konvenuta ħassitha aggravata b'din is-sentenza u b'nota ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Ottubru, 1993 hija interponiet umli appell quddiem din il-Qorti;

Illi l-aggravju ta' l-appellanti, tissottometti hija, jikkonsisti fil-fatt illi ġaladarba hija ppruvat il-fatti minnha allegati fil-fuq imsemmi rikors tagħha, dawn jiġġustifikaw il-kontumaċja tagħha u konsegwentement l-Ewwel Qorti kellha tilqa' t-talba tagħha u tagħtiha żmien sabiex tippreżenta n-nota ta' eċċezzjonijiet tagħha;

*Omissis*;

L-appellat wieġeb li:

Fil-meritu s-sentenza li minnha ġie intavolat l-appell hi ġusta u timmerita pjena konferma;

Il-gravam ewlieni ta' l-appellanti hu li kellha kawża ġusta biex tippurga l-istat kontumaċjali tagħha;

Bħala fatti ġie ppruvat illi:

*Omissis*;

Issa kif ġie osservat min din il-Qorti fid-deċiżjoni tagħha tal-21 ta' Mejju, 1993 in re **Joseph Vella** ***pro et noe vs*** **John Vella** (App. Kumm.):

"L-istat tal-kontumaċja huwa bbażat fuq il-presuppost illi l-konvenut bin-nuqqas tiegħu wera kontumelja u dispett għas-sejħa tal-Qorti meta huwa ġie konvenut biċ-ċitazzjoni u hija din id-diżubbidjenza li l-liġi trid tippunixxi inkwantu kontumaċja bħal dik hi element ta' disordni soċjali";

Il-prinċipji legali *in subjecta materia* huma dawk traċċjati fi skorta ta' deċiżjonijiet. Bażikament u essenzjalment il-kontumaċja:

Ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja (Vol. XXXVI P. I p. 384);

Jew jekk kienet kolpuża (**George Debono** *vs* **Romeo Schembri** App. Kumm. 4 ta' Frar, 1972);

Biex jista' jingħad li hemm ġustifikazzjoni:

Trid tiġi ppruvata ġusta kawża (**Paul Grixti** *vs* **Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi** App. Ċiv. 12 ta' Diċembru, 1975);

Kawża ġusta trid tikkonsisti f'impediment leġittimu (Vol. XXXVIII, P. I, p. 393);

Biex ikun leġittimu l-impediment irid ikun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaċi (Vol. XLII, P. I, p. 811); Vol. XXXIX, P. I, p. 1581);

F'każ li joffri xebh mal-fattispeċje in disamina - App. Kumm. 20 ta' Jannar, 1986 **Albert Mizzi** ***et noe vs*** **Emanuel Navarro** ġie ritenut illi:

"... anke fl-ipotesi li l-konvenut kien attwalment marid fil-ġranet minnu indikati ma jidhirx li din hija, waħedha, raġuni valida biex wieħed jiġġustifika l-kontumaċja sakemm sintendi ma jiġux ippruvati xi ċirkostanzi ta' impediment invinċibbli" - li fil-każ *de quo* lanqas jirriżultaw kif jista' faċilment jiġi assikurat mill-provi akkwiżiti;

*Omissis*;

Din il-Qorti semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell u rat l-atti kollha tal-kawża u sejra tgħaddi għad-deliberazzjoni u deċiżjoni tagħha;

Fit-trattazzjoni orali d-difensur ta' l-appellanti konvenuta kompla jelabora fuq dawk il-punti ssollevati minnu fil-petizzjoni tiegħu. Issottometta li l-Ewwel Qorti m'għamlitx apprezzament tajjeb u ġust ta' l-istat fiżiku u mentali u fattwali ta' l-appellanti li rriduċuha f'*qagħda li ma tweġibx bil-miktub għat-talbiet attriċi fl*-att taċ-ċitazzjoni fiż-żmien ta' għoxrin (20) jum preskritt mil-liġi tal-proċedura. Semma' li l-appellanti kienet afflitta minn raġunijiet kemm interni kif ukoll esterni li waslu għan-nuqqas tagħha;

Min-naħa tiegħu l-attur appellat fir-risposta tiegħu ċċita sensiela ta' referenzi mill-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati in sostenn tat-teżi tiegħu li d-deċiżjoni appellata kienet ġusta u denja ta' konferma;

Diversi kienu d-deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati in materja ta' kontumaċja u l-ġustifikazzjoni o meno tagħha. *Peress li kull każ* ħafna drabi jipprospetta fattispeċje differenti, d-deċiżjonijiet mhumiex għal kollox uniformi, fis-sens li hemm xi uħud minnhom li addottaw linja riġida mentri oħrajn kienu iżjed flessibbli u liberali

f'dik li hija interpretazzjoni ta' x'għandhom ikunu dawk il-kriterji li fuqhom il-kontumaċja tista' tiġi ppurgata u ssanata;

Din il-Qorti jidhrilha li meta l-liġi stess ipprefiġġiet terminu preċiż u relattivament twil - għoxrin jum - m'għandhiex tammetti li, jekk mhux għal xi raġuni gravi jew eċċezzjonali, testendi dan il-perijodu jew tinnewtralizżah bl-ammissjoni ta' eċċezzjonijiet wara l-għeluq tiegħu. Huwa minnu li l-liġi stess tagħti tali diskrezzjoni lill-Qorti imma huwa appuntu għal din ir-raġuni li l-ġudikant għandu jeżerċita' tali diskrezzjoni b'mod xieraq u meqjus;

Eżami sew tad-deċiżjoni appellata juri illi l-Ewwel Qorti għarblet sew il-provi prodotti. Difatti jidher li hija kkonfrontat id-dati ta' meta ċ-ċitata appellanti tgħid li ommha ġiet rikoverata l-isptar mad-data li tidher fuq iċ-ċertifikat rilaxxjat mill-awtoritajiet ta' l-isptar u skopriet li l-omm kienet ġa' ilha hemm rikoverata tul tliet (3) ġimgħat. Fil-petizzjoni tagħha l-appellanti tallega li dan iċ-ċertifikat kien skorrett u tgħid li d-data mogħtija minnha kienet dik ġusta. Għalkemm huwa minnu li intervent kirurġiku fuq membru tal-familja ħafna drabi jġib diversi taħbit u inkonvenjenzi fuq il-membri l-oħra tal-familja iżda proprju għal raġunijiet bħal dawn li l-leġislatur jagħti żmien adegwat biex wieħed iwieġeb għal taħrika li jkun irċieva;

L-appellanti *ex admissis* tgħid li ġiet innotifikata validament bl-att taċ-ċitazzjoni pero' tkompli hekk (ara fol. 18):

"Jiena ma rrispondejthiex fiż-żmien regolamentari għaliex kont imħabbta bl-inkwiet li kelli li xhedt dwaru u għidt meta nkun kalma naraha. Meta sibt żmien tal-kalma, iż-żmien għar-risposta taċ-ċitazzjoni kien għadda";

In-nuqqas ta' l-appellant mela kien dak li hija issostitwit il-ġudizzju tagħha għal dak li kien hemm fuq l-att taċ-ċitazzjoni li hija tgħid li rċeviet, jiġifieri li għandha tweġibha fi żmien għoxrin jum mid-data ta' notifika. Sadanittant pero' hija kompliet tattendi l-iskola primarja tal-Marsa fejn kienet impjegata fuq xogħol ta' amministrazzjoni. Non si tratta ta' persuna mingħajr skola imma ta' persuna li għalkemm sabet ruħha f'ċirkostanzi stressanti, baqgħet toħroġ fuq ix-xogħol tagħha regolarment u naturalment tieħu ħsieb ommha. X'kien iżomm l-appellanti milli tikkonsulta bniedem legali, kif għamlet in segwitu meta kien tard wisq u twieġeb għaċ-ċitazzjoni fiż-żmien indikat? L-appellanti fix-xhieda tagħha tat-8 ta' Marzu, 1993 kważi ma tgħid xejn dwar dak li l-legali tagħha ddeskriva bħala "fatturi interni", ċjoe' dipressjoni, li offuskaw il-ġudizzju tal-konvenuta. Ġie prodott b'xhud it-tabib kuranti tagħha li jsemmi *endogenous depression* għal-liema kundizzjoni huwa pero' ma ppreskrivilha xejn;

Huwa evidenti għall-aħħar li l-aġir ta' l-appellanta kien kolpuż u jekk il-Qorti kellha tammetti tali aġir għall-fini ta' ġustifikazzjoni ta' stat ta' kontumaċja, allura ftit jibqa' jagħmel sens dak li jesiġi l-Kodiċi ta' Proċedura. Huwa prinċipju assodat minn sensiela ta' deċiżjonijiet li l-kontumaċja ma tistax titqies ġustifikata meta din hija kolpuża. Hekk ara Appell Kummerċjali fil-kawża fl-ismijiet: **G. Debono *vs* R. Schembri** deċiża fis-27 ta' Novembru, 1972 (ara ukoll Koll. Vol. XXVI - I - 384; XLII - I - 81; XXIX - I - 1581);

Fil-materja tal-purgazzjoni tal-kontumaċja ġie dejjem ritenut li m'għandux ikun hemm negliġenza jew ħtija tal-parti, għax allura minflok il-prova tal-kawża ġusta jkun hemm il-*culpa* u f'dak il-każ il-persuna ma tkunx tista' tilmenta min xejn għax *qui culpa sua*

*damnum sentit non videtur damnum sentire* (ara ukoll, deċiżjoni fl-ismijiet **P. Grixti *vs* Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi** tas-6 ta' Novembru, 1974 tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili). Il-ġudizzju meħud mill-appellanti ma kellux għalfejn ikun wieħed affrettat għax kellha kważi tliet ġimgħat biex timxi skond ma dak indikat fl-att ġudizzjarju minnha riċevut. Bħalma kienet tmur għax-xogħol regolarment ġewwa skola fuq xogħol ta' amministrazzjoni, hija setgħet u kellha kull opportunita' li tkellem persuna legali. Id-dewmien tagħha ma kienx konsegwenza la tal-fatt li ommha kienet rikoverata l-isptar u lanqas għar-raġuni li kellha *endogenous depression*. L-appellanti aġixxiet negliġentement u trid tissubbixxi l-konsegwenzi ta' l-aġir tagħha. L-Ewwel Qorti dan kollu kkostatatu bir-reqqa u waslet għad-deċiżjoni ġusta;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċidi billi tiċħad l-appell tal-konvenuta appellanti, tikkonferma d-deċiżjoni appellata u tirrimetti l-atti tal-proċess quddiem l-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni tas-smigħ tagħha fil-meritu;

Il-kap ta' l-ispejjeż għall-fini ta' l-appell jitħallas mill-appellanti.